MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 358/2004

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO

VS

JOSEPH PORTELLI
`

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Portelli, ta' erbgha u tletin sena , bin Carmelo u Rose nee Zammit, imwieled Pieta, Malta fid-9 ta' Awissu, 1969 u residenti Flat 4, Entrance D, Triq il-Konti J. Ciantar, Binja Vista, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita numru 95469 (M);

Talli gewwa l-Hamrun fis-27 ta' Marzu, 2003 u fix-xhur ta' qabel:

1. kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm arma tan-nar u cioe pistola tal-marka Valtro 98 Civil, kalibru 9mm, u numru tas-serje C70480, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 3 (1) u 3(1a) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala persuna li gie fil-pussess tal-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew kontroll f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr arma regolari kif ukoll minizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, pistola tal-marka Valtro 98 Civil, kalibru 9mm u numru tas-serje C70480, kif ukoll munizzjon ghall-istess arma msemmija u cioe 6 balal ta' kalibru 9mm, li fuqhom id-dazju ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat u li importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u dan bi skur tal-Artikolu 60 (a) (b) (c) u (k), l-Art 62 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) (k) paragrafu (a) tal-proviso tal-Art 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta,.Dawn l-oggetti ghandhom valur ta' LM70.000 u dazju Lm4.690;

5. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, instab li xjentement kellek fil-pussess u/jew taat il-kontroll tieghu pistola tal-marka Valtro 98 Civil, kalibru 9mm u numru tas-serje C70480, kif ukoll minizzjon ghall-istess arma msemmija u cioe 6 balal ta' kalibru 9mm, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u li

fuqhom kellha tithallas it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM11.204, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata, u dana bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-valur mizjud (Att Nru, XXIII tal-1998)

Wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proceduri.

Rat l-artikoli 3 u 9 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u Art. 62 tal-Kap 37, u l-Artikoli 80 u 81 tal-Kap 406.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjonin bikrija tal-imputat, il-Qorti ssib lill-istess imputat Joseph Portelli hat ital-akkuzi kif dedotti, u tenut kont tac-citazzjoni tal-kaz, wara li rat l-artikoli hawn fuq imsemmija u l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal multa kumplessiva ta' tlett mitt lira (LM300).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------